**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta’ Frar 2025**

Rikors Numru: 621/2024 AL

A B

Vs

C B

(M.R. Numru 1182/2000)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu jesponi :

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-8 ta' Lulju 2000 **(DOK ADI);**

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu L nhar is-7 ta' Marzu 2002 u K nhar 1-4 ta' Marzu 2005, li illum it-tnejn huma maġġorenni;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat il-5 ta' Ġunju 2019, ippublikat fl-atti tan-

Nutar Dr Ryan Caligari, kopja ta' liem hija mehmuża u mmarkata bħala **DOK AD2;**

4. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal ħames snin;

5. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment dovut bejn il-partijiet;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa ghall-pronunzjament tad-divorzju skont l-Art 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kwalsiasi provvediment minnha meqjus bħala xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro t-terminu mogħti minn din l-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni opportuna.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Jannar 2025;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Gunju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.